MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 48/2012

**Valhmor Borg Import Export Limited (C-3062)**

**Vs**

**Keith u Sylvia konjugi Perry
(Karti ta’ l-Identità bin-Numri 12072 M u 81681M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Valhmor Borg Import Export Limited fit-8 ta’ Frar 2012, permezz ta’ liema titlob li Keith u Sylvia konjugi Perry jigu kkundannati jhallsuha s-somma komplessiva ta’ tlett elef sitt mija sebgha u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€3,627.52) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta’ diversi konsenji ta’ prodotti ghall-konsum, bl-imghax legali dekorribbli mid-9 ta’ Settembru 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju fl-ismijiet “Valhmor Borg Import Export Limited v. Keith u Sylvia konjugi Perry” u tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud in

konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, kontra l-konvenuti konjugi Perry;

Rat li l-konvenuti gew notifikati bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-Smigh;

Rat in-Nota ta' Ammissjoni pprezentata mill-konvenuti fit-3 t' April 2012, permezz ta' liema ammettew it-talbiet attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti konjugi Perry jigu kkundannati jhallsuha s-somma komplessiva ta' €3,627.52, rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum.

B'Nota ta' Ammissjoni pprezentata fit-3 t' April 2012, il-konvenuti ammettew it-talbiet attrici kif dedotti kontrihom.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti tilqa' t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' €3,627.52 u tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha l-imsemmija somma ta' €3,627.52, bl-imghax legali dekoribbli mid-9 ta' Settembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju fl-ismijiet "Valhmor Borg Import Export Limited v. Keith u Sylvia konjugi Perry", jibqghu a karigu tal-konvenuti konjugi Perry.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------